SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba’ Awla)

28 ta’ Frar 2018*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Taxxa fuq il-valur miżjud – Direttiva tal-VAT – Eżenzjoni tal-operazzjonijiet ta’ lokazzjoni u ta’ kiri ta’ proprjetajiet immobbli – Dritt ta’ għażla favur persuni taxxabbli – Implementazzjoni mill-Istati Membri – Tnaqqis tat-taxxa tal-input imħallsa – Użu għall-bżonnijiet tat-tranżazzjonijiet intaxxati tal-persuna taxxabbli – Aġġustament tat-tnaqqis magħmul inizjalment – Inammissibbiltà”

Fil-Kawża C-672/16,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD) (il-Qorti Arbitrali fil-Qasam Fiskali (Ċentru tal-Arbitraġġ Amministrattiv), il-Portugall), permezz ta’ deċiżjoni tas-16 ta’ Diċembru 2016, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-29 ta’ Diċembru 2016, fil-proċedura

**Imofloresmira – Investimentos Imobiliários SA**

vs

**Autoridade Tributária e Aduaneira,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba’ Awla),

komposta minn A. Rosas (Relatur), President tal-Awla, C. Toader u E. Jarašiūnas, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Imofloresmira – Investimentos Imobiliários SA, minn S. Neto, advogada u minn J. Magalhães Ramalho, advogado,

– għall-Gvern Portugiż, minn L. Inez Fernandes, M. Figueiredo u R. Campos Laires, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn F. Clotuche-Duvieusart u minn B. Rechena, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema’ l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata’ mingħajr konklużjonijiet

* Lingwa tal-kawża: il-Portugiż.

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 137, 167, 168, 184, 185 u 187 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1, iktar 'il quddiem id-"Direttiva tal-VAT").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn Imofloresmira – Investimentos Imobiliários SA (iktar 'il quddiem "Imofloresmira") u l-Autoridade Tributária e Aduaneira (L-Awtorità tat-Taxxa u tad-Dwana, il-Portugall) dwar l-aġġustament tat-tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) magħmul minn Imofloresmira fil-kuntest tal-attività tagħha ta' xiri, ta' bejgħ, ta' kiri u ta' amministrazzjoni ta' proprjetà immobbli.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 L-Artikolu 18, li jinsab fil-Kapitolu 1, intitolat "Provvista ta' merkanzija", tat-Titolu IV, intitolat "Transazzjonijiet Taxxabbli", tad-Direttiva tal-VAT, jipprovdi:

"L-Istati Membri jistgħu iqisu kull waħda mit-transazzjonijiet li ġejjin bħala provvista ta' merkanzija bi ħlas:

(a) l-applikazzjoni minn persuna taxxabbli għal skopijiet tan-negozju tagħha ta' merkanzija magħmula, maħduma, estratta, ipproċessata, mixtrija jew importata matul tali negozju, fejn il-VAT fuq din il-merkanzija, kieku kienet ġiet akkwistata minn persuna oħra taxxabbli, ma tkunx deduċibbli kollha;

[...]"

4 L-Artikolu 27, li jinsab fil-Kapitolu 3, intitolat "Provvista ta' servizzi" tal-istess Titolu IV, ta' din id-direttiva jipprevedi:

"Biex ma jħallux li jkun hemm distorsjoni tal-kompetizzjoni u wara konsultazzjoni mal-Kumitat tal-VAT, l-Istati Membri jistgħu jitrattaw bħala provvista ta' servizzi bi ħlas il-provvista minn persuna taxxabbli ta' servizz għall-iskopijiet tan-negozju tiegħu, fejn il-VAT fuq tali servizz, kieku ngħata minn persuna oħra taxxabbli, ma kienx ikun deduċibbli kollu."

5 Konformement mal-Artikolu 135(1)(l) li jinsab fil-Kapitolu 3, intitolat "Eżenzjonijiet għal attivitajiet oħrajn", tat-Titolu IX, intitolat "Eżenzjonijiet" tad-Direttiva tal-VAT, l-Istati Membri għandhom jeżentaw mill-VAT "[il-lokazzjoni u]l-kiri ta' proprjetà immobbli".

6 L-Artikolu 137(1), li jaqa' taħt l-istess kapitolu ta' din id-direttiva, jippermetti lill-Istati Membri jagħtu lil persuni taxxabbli dritt ta' għażla għat-tassazzjoni għal ċerti tranżazzjonijiet, fosthom dawk imsemmija fl-Artikolu 135(1)(l) tal-imsemmija direttiva. L-Artikolu 137(2) tal-istess direttiva jispeċifika li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli ddettaljati li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt ta' għażla skont il-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu u li huma jistgħu jirristrinġu l-portata ta' dak id-dritt.

7 Skont l-Artikolu 167, li jinsab fil-Kapitolu 1, intitolat "Oriġini u skop tad-dritt ta' tnaqqis", tat-Titolu X, intitolat "Tnaqqis", tad-Direttiva tal-VAT, "[d]ritt ta' tnaqqis iseħħ fil-ħin meta t-taxxa mnaqqsa tiġi imposta [meta t-taxxa li tista' titnaqqas issir eżiġibbli]".

8 L-Artikolu 168, li jinsab fl-istess kapitolu ta' din id-direttiva, jipprovdi:

"Sakemm il-merkanzija u s-servizzi jintużaw għall-iskopijiet tat-transazzjonijiet taxxabbli ta' persuna taxxabbli, il-persuna taxxabbli għandha tkun intitolata, fl-Istat Membru li fih twettaq dawn it-transazzjonijiet, li tnaqqas mll-VAT li għandha tħallas dan li ġej:

(a) il-VAT dovuta jew imħallsa f'dak l-Istat Membru rigward provvisti li sarulha ta' merkanzija jew servizzi, li twettqu jew li għad iridu jitwettqu minn persuna taxxabli oħra;

(b) il-VAT dovuta rigward transazzjonijiet trattati bħala provvisti ta' merkanzija jew servizzi skond l-Artikolu 18(a) u l-Artikolu 27;

[...]"

9 L-Artikolu 176 tal-imsemmija direttiva, li jinsab fil-Kapitolu 3, intitolat "Restrizzjonijiet fuq id-dritt ta' tnaqqis" tal-imsemmi Titolu X jipprovdi:

"Il-Kunsill, li jaġixxi unanimament fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jistabbilixxi n-nefqa li fir-rispett tagħha l-VAT m'għandhiex tkun tista' titnaqqas. It-VAT fl-ebda ċirkostanza m'għandha tkun tista' titnaqqas fir-rigward tan-nefqa li mhijiex strettament nefqa tan-negozju, bħal dik fuq il-lussu, pjaċiri jew divertiment.

[...]"

10 L-Artikolu 184 tad-Direttiva tal-VAT, li jinsab fil-Kapitolu 5, intitolat "Aġġustament tat-tnaqqis" tal-istess Titolu X, jipprovdi li "[i]t-tnaqqis inizjali għandu jiġi aġġustat fejn dan ikun ogħla jew inqas minn dak li għalih il-persuna taxxabbli kienet intitolata".

11 L-Artikolu 185(1), li jinsab f'dan il-Kapitolu 5 tal-imsemmija direttiva, jistipula:

"L-aġġustament għandu, b'mod partikolari, isir fejn, wara li ssir id-denunzja tal-VAT, isir xi tibdil fil-fatturi użati biex jiddeterminaw l-ammont li għandu jitnaqqas, per eżempju fejn ix-xirjiet huma kkanċellati jew hu miksub roħs fil-prezzijiet."

12 L-Artikolu 187 li jaqa' taħt l-imsemmi kapitolu tal-istess direttiva huwa fformulat kif ġej:

"1. Fil–każ ta' merkanzija kapitali [investimenti], l-aġġustment għandu jkun mifrux fuq ħames snin inkluża dik meta l-merkanzija kienet akkwistata jew iffabbrikata.

Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jibbażaw l-aġġustament fuq perijodu ta' ħames snin sħaħ li jibda miż-żmien meta l-merkanzija hija użata għall-ewwel darba.

Fil–każ ta' proprjetà immobbli akkwistata bħala merkanzija kapitali, il-perijodu ta' aġġustament jista' jiġi estiż sa 20 sena.

2. L-aġġustament annwali għandu jsir biss fir-rigward ta' wieħed minn ħamsa tal-VAT imposta fuq il-merkanzija kapitali, jew, jekk il-perijodu ta' referenza ġie estiż, fir-rigward tal-frazzjoni korrispondenti tiegħu.

L-aġġustament imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jsir abbażi tal-varjazzjonijet fid-dritt għal tnaqqis fi snin sussegwenti b' relazzjoni għal dik fis-sena li fiha l-merkanzija kienet akkwistata, iffabbrikata jew, fejn hu xieraq, użata għall-ewwel darba."

*Id-dritt Portugiż*

13 L-Artikolu 12, intitolat "Rinunzja għall-eżenzjoni", tal-Código do Imposto sobre o Valor Acrescentado (il-Kodiċi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, iktar 'il quddiem iċ-"CIVA") jipprovdi, fil-paragrafi 4, 6 u 7 tiegħu:

"4 – Il-persuni taxxabbli li jikru proprjetà immobbli jew lottijiet tagħhom lil persuni taxxabbli oħra, li jużawhom totalment jew fil-maġġoranza tagħhom għal attivitajiet li jagħtu dritt għal tnaqqis, jistgħu jirrinunzjaw għall-eżenzjoni msemmija fl-Artikolu 9(29).

[…]

6. – Il-modalitajiet u l-kundizzjonijiet għar-rinunzja tal-eżenzjoni prevista fil-paragrafi 4 u 5 huma stabbiliti f'leġiżlazzjoni speċjali.

7 – Id-dritt għal tnaqqis tat-taxxa, f'dawn il-każijiet, huwa rregolat bir-regoli stabbiliti fl-Artikoli 19 *et seq*, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li jinsabu f'eventwali leġiżlazzjoni speċjalizzata."

14 L-Artikolu 24 taċ-CIVA, intitolat "Aġġustament tat-tnaqqis dwar assi fissi" jipprevedi, fil-paragrafi 2, 3, 5 u 6 tiegħu:

"2 – Huwa wkoll aġġustat annwalment it-tnaqqis fuq l-infiq ta' investiment fi proprjetà immobbli jekk ikun hemm differenza, pożittiva jew negattiva, ta' ħames punti perċentwali jew iktar, bejn il-perċentwal finali msemmi fl-artikolu preċedenti, applikabbli matul is-sena ta' okkupazzjoni tal-proprjetà u ta' kull waħda mid-19-il sena ċivili sussegwenti, u dak li ġie ddeterminat matul is-sena tal-akkwist jew tat-twettiq tax-xogħlijiet.

3 – Għall-aġġustament tat-tnaqqis fir-rigward ta' assi fissi, li jagħmlu riferiment għalihom il-paragrafi preċedenti, għandu jsir dan li ġej:

(a) fl-aħħar tas-sena li matulha beda l-użu jew l-okkupazzjoni tal-proprjetà u matul kull waħda mill-4 jew 19-il sena ċivili sussegwenti, skont il-każ, għandu jiġi kkalkulat l-ammont tat-tnaqqis li jkun applikabbli li kieku l-akkwist jew it-twettiq tax-xogħlijiet tal-proprjetà immobbli kien seħħ matul is-sena inkwistjoni, konformement mal-perċentwal finali ta' din l-istess sena;

(b) l-ammont miksub b'dan il-mod huwa mnaqqas mit-tnaqqis magħmul fis-sena li matulha seħħ l-akkwist jew mis-somma tat-tnaqqis magħmul sas-sena li matulha x-xogħlijiet imwettqa fi proprjetà immobbli ġew itterminati;

(c) id-differenza pożittiva jew negattiva għandha tiġi diviża b'5 jew b'20, skont il-każ, u r-riżultat miksub b'dan il-mod ikun jikkorrispondi mal-ammont li għandu jitħallas jew mat-tnaqqis addizzjonali li għandu jsir matul is-sena inkwistjoni.

[…]

5 – Fil-każ ta' trasferiment ta' assi fissi mwettaq matul il-perijodu ta' aġġustament, dan għandu jsir f'darba, għall-perijodu li jkun għadu ma għaddiex, billi jitqies li dawn l-assi jintużaw għal attività intaxxata totalment fis-sena tat-trasferiment u fis-snin sussegwenti sakemm jiskadi t-terminu għall-aġġustament. Jekk madankollu t-trasferiment huwa eżentat mit-taxxa bis-saħħa tal-Artikolu 9(30) jew tal-Artikolu 9(32), il-proprjetà hija meqjusa użata għal attività mhux intaxxata u, fl-ewwel każ, għandu jsir l-aġġustament relatat magħha.

6 – L-aġġustament previst fil-paragrafu preċedenti huwa wkoll applikabbli, meta jitqies li l-proprjetà tintuża għal attività mhux intaxxata, fil-każ ta' proprjetà immobbli li għaliha inizjalment kien hemm tnaqqis totali jew parzjali tat-taxxa imposta fuq il-kostruzzjoni, ix-xiri jew spejjeż ta' investiment oħra tagħha, relatati magħha, meta:

a) il-persuna taxxabbli, minħabba l-bidla fl-attività eżerċitata jew minħabba obbligu legali, twettaq biss tranżazzjonijiet eżentati li ma jagħtux dritt għal tnaqqis;

b) il-persuna taxxabbli twettaq biss tranżazzjonijiet eżentati li ma jagħtux dritt għal tnaqqis skont l-Artikolu 12(3) jew l-Artikolu 55(3) u (4);

c) il-proprjetà immobbli hija s-suġġett ta' kirja eżentata konformement mal-Artikolu 9(29)."

15 L-Artikolu 26 taċ-CIVA, intitolat "Aġġustament tat-tnaqqis fir-rigward ta' proprjetà immobbli mhux użata għal finijiet kummerċjali" jistipula, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"In-nuqqas ta' użu ta' proprjetà immobbli għall-finijiet tal-impriża li għalihom kien hemm tnaqqis tat-taxxa għal sena ċivili waħda jew iktar wara l-bidu tal-perijodu ta' 19-il sena msemmi fl-Artikolu 24(2) jagħti lok għal aġġustament annwali ta' wieħed minn kull għoxrin tat-tnaqqis magħmul, li għandu jintwera fuq id-dikjarazzjoni tal-aħħar perijodu tas-sena inkwistjoni."

16 It-termini u l-kundizzjonijiet applikabbli għad-dritt ta' għażla għat-tassazzjoni, previst fl-Artikolu 12 taċ-CIVA, ġew ippreċiżati fid-Digriet-Leġiżlattiv Nru 241/86 (*Diário da República*, Serje 1, Nru 190, tal-20 ta' Awwissu 1986), li ġie emendat bid-Digriet Leġiżlattiv Nru 21/2007 (*Diário da República*, Serje 1, Nru 20, tad-29 ta' Jannar 2007) (iktar 'il quddiem l-"iskema ta' rinunzja għall-eżenzjoni").

17 L-Artikolu 10 ta' din l-iskema, intitolat "Aġġustament tat-taxxa mnaqqsa", jipprovdi, fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali:

"1 – Minkejja l-Artikolu 25(1) taċ-[CIVA], il-persuni taxxabbli li jużaw proprjetà immobbli li tatihom dritt għal tnaqqis totali jew parzjali tat-taxxa fuq ix-xiri huma obbligati jaġġustaw, f'darba waħda biss, konformement mal-Artikolu 24(5) taċ-[CIVA], it-tnaqqis magħmul, billi jqisu li l-proprjetà hija użata għal attività mhux intaxxata meta:

a) il-proprjetà immobbli hija użata għal finijiet differenti mill-attività eżerċitata mill-persuna taxxabbli;

b) jekk ma hijiex użata għal finijiet differenti mill-attività eżerċitata mill-persuna taxxabbli, il-proprjetà immobbli ma hijiex effettivament użata mill-impriża għal iktar minn sentejn konsekuttivi."

18 L-Artikolu 25(1) taċ-CIVA, imsemmi fl-Artikolu 10 tal-iskema ta' rinunzja għall-eżenzjoni ċċitat fil-punt preċedenti, jikkorrispondi mal-Artikolu 26(1) taċ-CIVA, fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali, kif iċċitat fil-punt 15 ta' din is-sentenza.

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

19 L-għan kummerċjali ta' Imofloresmira huwa x-xiri, il-bejgħ, il-kiri u l-amministrazzjoni ta' proprjetà immobbli, għal użu residenzjali, kummerċjali u mħallat, li hija proprjetà tagħha jew li tappartjeni għal terzi.

20 Wara kontrolli magħmula matul is-snin 2015 u 2016, l-Awtorità tat-Taxxa u tad-Dwana kkonstatat li ċerti lottijiet, li jaqgħu taħt żewġ proprjetajiet immobbli li Imofloresmira hija l-proprjetarja tagħhom u li għalihom hija kienet għażlet it-tassazzjoni, kienu ilhom vakanti għal iktar minn sentejn u li, minkejja

dan in-nuqqas ta' okkupanza, Imofloresmira ma kinitx wettqet aġġustament tat-taxxa mnaqqsa, konformement mal-Artikolu 26(1) taċ-CIVA u mal-Artikolu 10(1)(b) tal-iskema ta' rinunzja għall-eżenzjoni.

21 Fuq din il-bażi, l-Awtorità tat-Taxxa u tad-Dwana argumentat li l-kumpannija kellha tipproċedi għall-aġġustament tat-taxxa mnaqqsa, annwalment jew definittivament, skont il-każ, għal-lottijiet inokkupati tal-proprjetà immobbli li hija l-proprjetarja tagħhom u informat lil Imofloresmira li, peress li dan l-aġġustament ma sarx, kellhom jiġu applikati xi korrezzjonijiet dwar it-taxxa dovuta, f'ammont totali ta' EUR 1 375 954.71 għas-snin finanzjarji 2011, 2012 u 2013. Mill-proċess sottomess lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta wkoll li l-korrezzjonijiet dwar is-sena finanzjarja 2013 kellhom riperkussjonijiet fuq it-taxxa mnaqqsa fl-2014.

22 Peress li ma qablitx mad-deċiżjoni tal-Awtorità tat-Taxxa u tad-Dwana li tagħmel dawn il-korrezzjonijiet, Imofloresmira ppreżentat rikors quddiem it-Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD) (il-Qorti Arbitrali fil-Qasam Fiskali (Ċentru tal-Arbitraġġ Amministrattiv), il-Portugall) sabiex tikseb l-annullament tal-ħlasijiet supplementari tal-VAT.

23 Il-qorti tar-rinviju tindika li Imofloresmira żgurat b'mod kontinwu l-promozzjoni kummerċjali tal-ispazji disponibbli, fi ħdan din il-proprjetà immobbli, sabiex tikrihom.

24 F'dan ir-rigward, dik il-qorti tippreċiża b'mod partikolari li, bejn is-sena 2011 u s-sena 2013, hija kkonkludiet, għal dan l-għan, mandati ma' aġenziji ta' proprjetà immobbli u, fuq il-parir ta' dawn tal-aħħar, għamlet diversi operazzjonijiet ta' marketing u ta' għajnuna għall-kummerċjalizzazzjoni, fosthom, b'mod partikolari, il-kreazzjoni ta' fuljett, ta' lista postali, kif ukoll ta' sit tal-internet, il-kreazzjoni u d-difużjoni ta' stqarrijiet għall-istampa mal-pubbliku inġenerali u t-twaħħil ta' posters ta' reklamar fuq il-proprjetà immobbli kkonċernata. Hija tesponi wkoll li Imofloresmira aġġustat ukoll l-offerta tagħha permezz, minn naħa, tat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' spazji għall-kiri bi prezzijiet iktar kompetittivi u, min-naħa l-oħra, il-possibbiltà li jiġu nnegozjati perijodi tranżizzjonali meta kerrej jidħol fil-post.

25 Skont il-qorti tar-rinviju, l-ispejjeż imġarrba mis-servizzi ta' promozzjoni kummerċjali tal-proprjetà immobbli li Imofloresmira hija proprjetarja tagħhom huma riflessi fil-karti tal-bilanċ tas-snin 2011 sa 2013.

26 Quddiem dik il-qorti, Imofloresmira targumenta li l-korrezzjonijiet imsemmija fil-punt 21 ta' din is-sentenza huma illegali għar-raġuni li l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-kawża prinċipali, kif mogħtija mill-Awtorità tat-Taxxa u tad-Dwana, hija kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari għad-Direttiva tal-VAT, kif ukoll għall-Artikolu 26(1) taċ-CIVA u għall-Artikolu 10(1) tal-iskema ta' rinunzja għall-eżenzjoni.

27 Peress li għandha dubji fir-rigward tal-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-kawża prinċipali, b'mod partikolari tal-Artikolu 26(1) taċ-CIVA u tal-Artikolu 10(1) tal-iskema ta' rinunzja għall-eżenzjoni, kif interpretati mill-Awtorità tat-Taxxa u tad-Dwana, il-qorti tar-rinviju tqis li interpretazzjoni tal-Artikoli 137, 167, 168, 184, 185 u 187 tad-Direttiva tal-VAT hija neċessarja.

28 F'dan il-kuntest, it-Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD) (il-Qorti Arbitrali fil-Qasam Fiskali (Ċentru tal-Arbitraġġ Amministrattiv)) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Fil-każ fejn proprjetà immobbli, li minkejja li tinsab vakanti għal perijodu ta' sentejn jew iktar, qed tiġi kkummerċjalizzata, jiġifieri, hija disponibbli fis-suq tal-kiri jew għall-provvista ta' servizzi tat-tip 'office centre', fejn huwa paċifiku li l-proprjetarju kkonċernat għandu l-intenzjoni li jikri l-proprjetà suġġett għall-VAT, u qed iwettaq dak li hu neċessarju biex din l-intenzjoni tiġi kkonkretizzata,

id-definizzjoni bħala ‘nuqqas ta’ użu effettiv tal-proprjetà immobbli għall-finijiet tal-impriża’ u/jew ‘nuqqas ta’ użu effettiv tal-proprjetà immobbli fi tranżazzjonijiet intaxxati’, skont kif inhu pprovdut fl-Artikolu 26(1) [taċ-CIVA] u tal-Artikolu 10(1)(b) tal-Iskema ta’ rinunzja għall-eżenzjoni tal-VAT fuq it-tranżazzjonijiet relatati ma’ proprjetà immobbli […] approvata bid-Digriet Liġi Nru 21/2007 […] fir-redazzjonijiet preċedenti tiegħu, hija konformi mal-Artikoli 167, 168, 184, 185 u 187 tad-[Direttiva tal-VAT] u, konsegwentement, it-tnaqqis inizjalment imwettaq għandu jiġi aġġustat inkwantu kien ogħla minn dak li kellu dritt għalih il-persuna suġġetta għat-taxxa?

2) Fil-każ ta’ risposta fl-affermattiv, fid-dawl ta’ interpretazzjoni korretta tal-Artikoli 137, 167, 168, 184, 185 u 187 tad-[Direttiva tal-VAT], dan l-aġġustament jista’ jiġi impost f’darba waħda biss, għall-perijodu kollu li jkun għadu ma ddekorriex, hekk kif tistabbilixxi l-leġiżlazzjoni Portugiża fl-Artikolu 10(1)(b) u (c) tal-Iskema ta’ rinunzja għall-eżenzjoni tal-VAT fuq it-tranżazzjonijiet relatati ma’ proprjetà immobbli […] fil-każijiet fejn il-proprjetà immobbli tinsab vakanti għal perijodu ta’ iktar minn sentejn, iżda dejjem fi stat ta’ kummerċjalizzazzjoni għall-kiri (bil-possibbiltà ta’ rinunzja) u/jew għall-provvista ta’ servizzi (taxxabbli), b’tali mod li l-proprjetà immobbli tiġi affetwata fis-snin sussegwenti għall-attivitajiet intaxxati li jagħtu d-dritt għat-tnaqqis?

3) L-Artikolu [2(2)(c)] moqri flimkien mal-Artikolu 10(1)(b) tal-Iskema ta’ rinunzja għall-eżenzjoni tal-VAT fuq it-tranżazzjonijiet relatati ma’ proprjetà immobbli […] huma konformi mal-Artikoli 137, 167, 168 u 184 tad-[Direttiva tal-VAT], għad-determinazzjoni tal-impossibbiltà għal persuna suġġetta għall-VAT li tirrinunzja għall-eżenzjoni tal-VAT meta tidħol f’kuntratti ġodda ta’ kiri wara li jkun sar aġġustament ta’ darba tal-VAT, u sabiex tiġi kompromessa l-iskema sussegwenti ta’ tnaqqis matul il-perijodu ta’ aġġustament?”

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ewwel domanda*

29 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikoli 167, 168, 184, 185 u 187 tad-Direttiva tal-VAT għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-aġġustament tal-VAT inizjalment dedotta għar-raġuni li proprjetà immobbli, li għaliha ġie eżerċitat id-dritt ta’ għażla għat-tassazzjoni, hija meqjusa li ma għadhiex użata mill-persuna taxxabbli għall-bżonnijiet tat-tranżazzjonijiet taxxabbli tagħha stess, meta din il-proprjetà immobbli baqgħet vakanti għal iktar minn sentejn, anki jekk huwa ppruvat li l-persuna taxxabbli fittxet li tikriha matul dan il-perijodu.

30 Għandu jitfakkar, preliminarjament, li, skont l-istruttura tas-sistema stabbilita bid-Direttiva tal-VAT, it-taxxi tal-input fuq il-beni jew is-servizzi użati minn persuna taxxabbli għall-finijiet tat-tranżazzjonijiet taxxabbli tagħha jistgħu jiġu mnaqqsa. It-tnaqqis tat-taxxi tal-input huwa marbut mal-ġbir tat-taxxa tal-output. Meta l-beni jew is-servizzi akkwistati minn persuna taxxabbli huma użati għall-bżonnijiet ta’ tranżazzjonijiet eżentati jew ma jaqgħux taħt il-kamp ta’ applikazzjoni tal-VAT, ma jkun hemm la l-ġbir ta’ taxxa tal-output u lanqas tnaqqis tat-taxxa tal-input (ara, f’dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta’ Marzu 2006, Uudenkaupungin kaupunki, C-184/04, EU:C:2006:214, punt 24).

31 It-tassazzjoni ta’ operazzjonijiet ta’ lokazzjoni u ta’ kiri hija fakultà li l-leġiżlatur tal-Unjoni kkunsenta lill-Istati Memrbi b’deroga għar-regola ġenerali, stabbilita fl-Artikolu 135(1)(l) tad-Direttiva tal-VAT, li tipprovdi li l-operazzjonijiet ta’ lokazzjoni u ta’ kiri huma bħala prinċipju eżentati mill-VAT. Għalhekk, id-dritt għal tnaqqis fir-rigward ta’ din it-tassazzjoni ma huwiex eżerċitat b’mod awtomatiku iżda biss jekk l-Istati Membri jkunu użaw il-fakultà msemmija fl-Artikolu 137(1)(d) tad-Direttiva tal-VAT u bla

ħsara għall-fatt li l-persuni taxxabbli jeżerċitaw id-dritt ta' għażla li ngħatalhom (sentenza tat-12 ta' Jannar 2006, Turn- und Sportunion Waldburg, C-246/04, EU:C:2006:22, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 Huwa paċifiku li r-Repubblika Portugiża użat din il-fakultà. Barra minn hekk, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, matul il-konklużjoni ta' kuntratti ta' kiri dwar il-proprjetà immobbli inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li saru qabel il-perijodu ta' nuqqas ta' okkupanza kontenzjuż, Imofloresmira għażlet it-tassazzjoni tal-kiri ta' dawn il-beni.

33 Barra minn hekk, mill-formulazzjoni tal-Artikolu 168 tad-Direttiva tal-VAT jirriżulta li, sabiex persuna kkonċernata tkun tista' jkollha d-dritt għal tnaqqis, hemm bżonn, minn naħa, li tkun "persuna taxxabbli" fis-sens ta' din id-direttiva u, min-naħa l-oħra, li l-beni u s-servizzi inkwistjoni jkunu użati għall-bżonnijiet tat-tranżazzjonijiet taxxabbli tagħha (sentenza tal-15 ta' Diċembru 2005, Centralan Property, C-63/04, EU:C:2005:773, punt 52).

34 F'dan il-każ, il-kwalità ta' persuna taxxabbli ta' Imofloresmira ma hijiex ikkontestata. Min-naħa l-oħra, l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u tad-Dwana imponitilha l-aġġustament tat-tnaqqis tal-VAT għar-raġuni li l-proprjetà immobbli inkwistjoni kienet ilha iktar minn sentejn vakanti u minħabba dan kienet meqjusa bħala li ma għadhiex tintuża għall-bżonnijiet tat-tranżazzjonijiet intaxxati tagħha, minkejja li huwa stabbilit li din il-kumpannija, matul dan il-perijodu, dejjem kellha l-intenzjoni li tikri din il-proprjetà suġġetta għall-VAT u ħadet il-passi neċessarji għal dan l-għan.

35 Skont l-Artikolu 167 tad-Direttiva tal-VAT, id-dritt għal tnaqqis jitnissel fil-mument meta t-taxxa li tista' titnaqqas issir eżiġibbli. Konsegwentement, hija biss il-kwalità li individwu jaġixxi fiha f'dan il-mument li tista' tiddetermina l-eżistenza ta' dritt għal tnaqqis (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-11 ta' Lulju 1991, Lennartz, C-97/90, EU:C:1991:315, punt 8, u tat-30 ta' Marzu 2006, Uudenkaupungin kaupunki, C-184/04, EU:C:2006:214, punt 38).

36 Sa mill-mument meta l-Amministrazzjoni tat-Taxxa tkun aċċettat, abbażi tal-informazzjoni trażmessa minn impriża, li tingħatalha l-kwalità ta' persuna taxxabbli, bħala prinċipju dan l-istatus ma jkunx iktar jista' jiġi rtirat sussegwentement b'effett retroattiv minħabba li jseħħu jew ma jseħħux ċerti avvenimenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Frar 1996, INZO, C-110/94, EU:C:1996:67, punt 21), ħlief fil-każ ta' frodi jew ta' abbuż.

37 Għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, id-dritt għal tnaqqis previst fl-Artikoli 167 sa 172 tad-Direttiva tal-VAT jagħmel parti integrali mill-mekkaniżmu tal-VAT u, bħala prinċipju, ma jistax jiġi limitat. Dan id-dritt għandu jiġi eżerċitat immedjatament fir-rigward tat-totalità tat-taxxi imposti fuq it-tranżazzjonijiet input (sentenza tal-15 ta' Diċembru 2005, Centralan Property, C-63/04, EU:C:2005:773, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 Is-sistema tat-tnaqqis għandha l-għan li tneħħi minn fuq in-negozjant il-piż tal-VAT dovuta jew imħallsa fil-kuntest tal-attivitajiet kummerċjali kollha tiegħu. Is-sistema komuni tal-VAT tiggarantixxi, konsegwentement, newtralità sħiħa fir-rigward tal-intaxxar tal-attivitajiet kummerċjali kollha, independentement mill-għanijiet jew mir-riżultati tagħhom, bil-kundizzjoni li l-imsemmija attivitajiet ikunu huma stess suġġetti għall-VAT (sentenza tal-15 ta' Diċembru 2005, Centralan Property, C-63/04, EU:C:2005:773, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39 Għandu jitfakkar ukoll li huwa x-xiri tal-beni jew tas-servizzi minn persuna taxxabbli li taġixxi bħala tali li jiddetermina l-applikazzjoni tas-sistema tal-VAT u, għaldaqstant, tal-mekkaniżmu ta' tnaqqis. L-użu li jsir mill-beni jew mis-servizzi, jew li huwa maħsub għalihom, jiddetermina biss il-portata tat-tnaqqis inizjali li l-persuna taxxabbli għandha dritt għalih skont l-Artikolu 168 tad-Direttiva tal-VAT u l-portata ta' eventwali aġġustamenti matul il-perijodi sussegwenti, iżda ma jaffettwax it-tnissil tad-dritt għal tnaqqis (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 1991, Lennartz, C-97/90, EU:C:1991:315, punt 15).

40 Minn dan isegwi li, bħala prinċipju, id-dritt għal tnaqqis jibqa' jeżisti anki jekk, sussegwentement, minħabba ċirkustanzi lil hinn mill-volontà tagħha, il-persuna taxxabbli ma tużax l-imsemmija beni u servizzi li taw lok għal tnaqqis fil-kuntest ta' tranżazzjonijiet taxxabbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-29 ta' Frar 1996, INZO, C-110/94, EU:C:1996:67, punt 20 u tal-15 ta' Jannar 1998, Ghent Coal Terminal, C-37/95, EU:C:1998:1, punti 19 u 20).

41 F'dan il-każ, skont l-interpretazzjoni mogħtija mill-Awtorità tat-Taxxa u tad-Dwana, il-fatt li proprjetà immobbli tkun vakanti għal ċertu żmien jinterrompi l-użu tal-proprjetà immobbli għall-finijiet tal-impriża, li jobbliga lill-persuna taxxabbli tipproċedi għall-aġġustament tat-taxxa mnaqqsa, anki jekk ikun ippruvat li din tal-aħħar dejjem kellha l-intenzjoni li tkompli teżerċita attività intaxxata.

42 Issa, mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 39 u 40 ta' din is-sentenza jirriżulta li persuna taxxabbli żżomm id-dritt għal tnaqqis, minn meta jkun tnissel dan id-dritt, anki jekk din il-persuna taxxabbli ma setgħetx, għal raġunijiet indipendenti mill-volontà tagħha, tuża l-beni jew is-servizzi li wasslu għat-tnaqqis fil-kuntest tat-tranżazzjonijiet intaxxati.

43 Interpretazzjoni oħra tad-Direttiva tal-VAT tkun kuntrarja għall-prinċipju tan-newtralità tal-VAT fir-rigward tal-piż fiskali tal-impriża. Din tkun tista' toħloq, fit-trattament fiskali tal-istess attivitajiet ta' investiment, differenzi mhux iġġustifikati bejn impriżi li diġà jwettqu tranżazzjonijiet taxxabbli u oħrajn li qegħdin ifittxu, permezz ta' investimenti, li jibdew attivitajiet li jkunu sors ta' tranżazzjonijiet taxxabbli. Bl-istess mod, ikunu stabbiliti wkoll differenzi arbitrarji bejn dawn l-impriżi tal-aħħar sa fejn l-aċċettazzjoni definittiva tat-tnaqqis tkun tiddependi mill-kwistjoni ta' jekk tali investimenti jirriżultawx fi tranżazzjonijiet intaxxati jew le (sentenza tad-29 ta' Frar 1996, INZO, C-110/94, EU:C:1996:67, punt 22).

44 Għaldaqstant, il-prinċipju ta' newtralità fiskali jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li, billi tissuġġetta l-aċċettazzjoni definittiva tat-tnaqqis tal-VAT għall-kundizzjoni li r-riżultati tal-attività ekonomika eżerċitata mill-persuna taxxabbli, toħloq, fir-rigward tat-trattament fiskali ta' attivitajiet ta' investiment ta' proprjetà immobbli identiċi, differenzi mhux iġġustifikati bejn impriżi li għandhom l-istess profil u li jeżerċitaw l-istess attività.

45 Din il-konklużjoni ma tistax tiġi mminata mill-argument tal-Gvern Portugiż li jipprovdi li, minħabba x-xoljiment tal-kuntratti ta' kiri konklużi preċedentement, jaf ikun hemm xi "tibdil fil-fatturi użati biex jiddeterminaw l-ammont li għandu jitnaqqas", fis-sens tal-Artikolu 185(1) tad-Direttiva tal-VAT, b'tali mod li jkun hemm lok li jitwettaq aġġustament proporzjonali tat-taxxa dedotta.

46 Fil-fatt, fl-ewwel lok, għalkemm huwa minnu li n-neċessità li jsir l-aġġustament tat-taxxa mnaqqsa jista' jeżisti wkoll minħabba ċirkustanzi indipendenti mill-volontà tal-persuni taxxabbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' April 2004, Gemeente Leusden u Holin Groep, C-487/01 u C-7/02, EU:C:2004:263, punt 55), xorta jibqa' l-fatt li din id-dispożizzjoni ma tistax timmina l-prinċipji fundamentali li fuqhom hija msejsa s-sistema implementata mid-Direttiva tal-VAT, u b'mod partikolari l-prinċipju ta' newtralità fiskali.

47 Issa, kuntrarjament għal dak li jargumenta l-Gvern Portugiż, il-fatt li jitqies li huwa biżżejjed, sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' "tibdil" fis-sens tal-Artikolu 185 tad-Direttiva tal-VAT, li proprjetà immobbli tkun baqgħet vakanti, wara x-xoljiment ta' kuntratt ta' kiri li tiegħu din il-proprjeta kienet is-suġġett, minħabba ċirkustanzi indipendenti mill-volontà tal-proprjetarju tagħha, minkejja li huwa ppruvat li dan tal-aħħar dejjem kellu l-intenzjoni li jużaha għall-finijiet ta' attività intaxxata u li jieħu l-passi neċessarji għal dan l-għan, ikun ifisser li d-dritt għal tnaqqis jiġi limitat permezz tad-dispożizzjonijiet applikabbli fil-qasam ta' aġġustament.

48 Fit-tieni lok, minkejja li l-Artikolu 137(2) tad-Direttiva tal-VAT iħalli lill-Istati Membri setgħa diskrezzjonali wiesgħa li tippermettilhom jiddeterminaw il-modalitajiet għall-eżerċizzju tad-dritt ta' għażla u anki li jneħħuh (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Jannar 2006, Turn- und Sportunion Waldburg, C-246/04, EU:C:2006:22, punti 27 sa 30), l-Istati Membri ma jistgħux jużaw din is-setgħa sabiex jiksru l-Artikoli 167 u 168 ta' din id-direttiva, billi jirrevokaw dritt għal tnaqqis diġà kweżit.

49 Fil-fatt, limitazzjoni tat-tnaqqis tal-VAT marbuta mat-tranżazzjonijiet intaxxati, wara li jkun ġie eżerċitat id-dritt ta' għażla, ma tkunx tirrigwarda l-"portata" tad-dritt ta' għażla li l-Istati Membri jistgħu jirrestrinġu skont l-Artikolu 137(2) tad-Direttiva tal-VAT, iżda l-konsegwenzi tal-eżerċizzju ta' dan id-dritt (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Marzu 2006, Uudenkaupungin kaupunki, C-184/04, EU:C:2006:214, punt 46).

50 Fl-aħħar nett għandu jiġi enfasizzat li l-kwalità ta' persuna taxxabbli hija akkwistata b'mod definittiv biss jekk id-dikjarazzjoni tal-intenzjoni li jinbdew l-attivitajiet ekonomiċi maħsuba tkun saret b'bone fide mill-persuna kkonċernata. Fis-sitwazzjonijiet frawdolenti jew abbużivi li fihom din tal-aħħar ippretendiet li tixtieq teżerċita attività ekonomika partikolari, iżda fir-realtà pprovat iddaħħal fil-patrimonju privat tagħha beni li jistgħu jkunu suġġetti għal tnaqqis, l-amministrazzjoni tat-taxxa tista' titlob, b'effett retroattiv, ir-rimbors tas-somom imnaqqsa minħabba li dan it-tnaqqis ikun ingħata abbażi ta' dikjarazzjonijiet foloz (sentenza tal-21 ta' Marzu 2000, Gabalfrisa et, C-110/98 sa C-147/98, EU:C:2000:145, punt 46.

51 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-ġlieda kontra l-frodi, l-evażjoni fiskali u l-abbużi eventwali hija għan magħruf u inkoraġġut mid-Direttiva tal-VAT, kif imfakkar fl-Artikolu 131 tagħha (sentenza tad-29 ta' April 2004, Gemeente Leusden u Holin Groep, C-487/01 u C-7/02, EU:C:2004:263, punt 76).

52 Konsegwentement, jekk l-amministrazzjoni tat-taxxa kellha tikkonstata li d-dritt għal tnaqqis ġie eżerċitat b'mod frawdolenti jew abbużiv, fatt li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, hija tkun tista' titlob, b'effett retroattiv, ir-rimbors tas-somom imnaqqsa (sentenza tat-3 ta' Marzu 2005, Fini H, C-32/03, EU:C:2005:128, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

53 Fid-dawl ta' dak li ġie espost iktar 'il fuq, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikoli 167, 168, 184, 185 u 187 tad-Direttiva tal-VAT għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-aġġustament tal-VAT inizjalment imnaqqsa għar-raġuni li proprjetà immobbli, li għaliha ġie eżerċitat id-dritt ta' għażla għat-tassazzjoni, hija meqjusa li ma għadhiex użata mill-persuna taxxabbli għall-bżonnijiet tat-tranżazzjonijiet taxxabbli tagħha stess, meta din il-proprjetà immobbli baqgħet vakanti għal iktar minn sentejn, anki jekk huwa ppruvat li l-persuna taxxabbli fittxet li tikriha matul dan il-perijodu.

### *Fuq it-tieni u t-tielet domanda*

54 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni u għat-tielet domanda.

### *Fuq il-limitazzjoni tal-effetti ratione temporis ta' din is-sentenza*

55 Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-Gvern Portugiż jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tillimita l-effetti *ratione temporis* tas-sentenza tagħha.

56 Insostenn tat-talba tiegħu, dan il-Gvern jargumenta, fl-ewwel lok, li verifika, każ b'każ, tar-relazzjonijiet ġuridiċi kollha, sabiex jiġi ddeterminat jekk is-sidien il-kera taxxabbli kkalkolawx u ħallsux korrettament lill-Istat Membru kkonċernat l-ammonti li jikkorrispondu mal-aġġustament tal-VAT

tikkostitwixxi fiha nfisha inkarigu li jeżiġi użu "esaġerat" ta' riżorsi amministrattivi u ġudizzjarji mhux disponibbli li, li kieku din ma ssirx, tista' tagħti lok għal abbużi u għal telf dejjem iktar sinjifikattiv ta' dħul fiskali.

57 Il-Gvern Portugiż jargumenta, fit-tieni lok, li, f'tali sitwazzjoni, it-telf tat-taxxa diġà aġġustata jew diġà miġbura sadanittant jammonta għal somom kunsiderevoli u joħloq żbilanċ baġitarju intollerabbli.

58 Fit-tielet lok, il-Gvern Portugiż jirrileva li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija intiża li tiggarantixxi li l-ammonti ta' VAT li jistgħu jitnaqqsu upstream ikunu direttament u proporzjonalment marbuta mat-tassazzjoni li seħħet effettivament downstream, li juri l-*bona fide* tal-Istat Portugiż u tal-awtoritajiet tat-taxxa nazzjonali.

59 F'dan ir-rigward, hemm lok jitfakkar li limitazzjoni tal-effetti *ratione temporis* ta' sentenza tikkostitwixxi miżura eċċezzjonali li tippresupponi li jeżisti riskju ta' riperkussjonijiet ekonomiċi serji, dovuti b'mod partikolari għan-numru kbir ta' relazzjonijiet ġuridiċi kkostitwiti in *bona fide* abbażi tal-leġiżlazzjoni meqjusa bħala validament fis-seħħ u li jkun jidher li l-individwi u l-awtoritajiet nazzjonali kienu mħeġġa jadottaw aġir li ma kienx konformi mad-dritt tal-Unjoni minħabba inċertezza oġġettiva u sinjifikattiva fir-rigward tal-portata tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, inċertezza li għaliha possibbilment ikkontribwixxa l-aġir stess adottat minn Stati Membri oħra jew mill-Kummissjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013, Endress, C-209/12, EU:C:2013:864, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

60 Issa, għandu jitfakkar li restrizzjoni fuq id-dritt għal tnaqqis tal-VAT fuq il-persuni taxxabbli tikkostitwixxi eċċezzjoni għal prinċipju fundamentali tas-sistema komuni tal-VAT li l-legalità tagħha, skont ġurisprudenza stabbilita, hija aċċettata biss f'ċirkustanzi eċċezzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2017, Paper Consult, C-101/16, EU:C:2017:775, punt 67).

61 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li ma teżistix inċertezza oġġettiva u sinjifikattiva f'dak li jirrigwarda l-portata tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-VAT f'dak li jirrigwarda l-portata tad-dritt għal tnaqqis u r-rwol tiegħu fi ħdan is-sistema implementata minn din id-direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2017, Paper Consult, C-101/16, EU:C:2017:775, punt 68).

62 Għaldaqstant l-awtoritajiet Portugiżi ma jistgħux jinvokaw inċertezza oġġettiva u sinjifikattiva fir-rigward tal-portata tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni. Peress li dan il-kriterju ma huwiex issodisfatt, ma hemmx lok li jiġi vverifikat jekk dak relatat mas-serjetà tar-riperkussjonijiet ekonomiċi huwiex issodisfatt.

63 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li ma hemmx lok li l-effetti ta' din is-sentenza jiġu limitati *ratione temporis*.

**Fuq l-ispejjeż**

64 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikoli 167, 168, 184, 185 u 187 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-aġġustament tat-taxxa**

**fuq il-valur miżjud inizjalment imnaqqsa għar-raġuni li proprjetà immobbli, li għaliha ġie eżerċitat id-dritt ta' għażla għat-tassazzjoni, hija meqjusa li ma għadhiex użata mill-persuna taxxabbli għall-bżonnijiet tat-tranżazzjonijiet taxxabbli tagħha stess, meta din il-proprjetà immobbli baqgħet vakanti għal iktar minn sentejn, anki jekk huwa ppruvat li l-persuna taxxabbli fittxet li tikriha matul dan il-perijodu.**

Firem